Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**13323/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0322(COD)**

**CODEC 1452**
**SAN 553**
**PHARM 156**
**PROCIV 123**
**COVID-19 158**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-11 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 168(5) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Mejju 2021[3].

4. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

[1] 12973/20 + ADD 1.
[2] ĠU C 286, 16.7.2021, p. 109.
[3] ĠU C 300, 27.7.2021, p. 76.
[4] 12943/22.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, bl-astensjoni tal-Bulgarija, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 40/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.